MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2010

Avviz Numru. 106/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**-vs-**

**Carmelo Fenech u Rosanne Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti mis-socjeta’ attrici nhar it-tmintax (18) ta’ Marzu 2009 fejn l-istess socjeta’ atttrici talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti :

“ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt elef, mitejn u hamsa u hamsin Ewro u sitta u sittin centezmu (€6,255.66) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” taghkom mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. A1 sa A2) flimkien mal-

imghax ulterjuri mill-21 ta' Frar 2009 sal-jum tal-pagament effettiv.

U dan wara illi jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata tad-9 ta' Dicembru 2002 (Dok B) u partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Carmelo Fenech u Rosanne Fenech :-

a. Naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, u;

b. Kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti u/jew;

c. Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti ddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 27 ta' Dicembru 2007 (Dok. C) u tal-Mandati ta' Sekwestru kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni."

Rat illi fis-seduta ta' nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 2009, il-konvenut Carmelo Fenech ipprezenta nota fejn ammetta t-talba kif dedotta fil-konfront tieghu.

Rat ukoll li fid-disgha (9) ta' Ottubru, 2009 il-konvenuta Roseanne Fenech ipprezentat risposta fejn qalet is-segwenti:

*"Illi preliminarjament Roseanne Fenech mhijiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

*Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal premess, Roseanne Fenech ma baqghetx responsabbli li thallas lill-kumpanija attrici sa mill-15 ta' Dicembru 2004, u cioe'*

*minn meta r-ragel taghha Carmelo Fenech obbliga ruhu li jibqa' unikament responsabbli sabiex ihallas id-djun kollha pendenti f'kuntratt bonarju ta' separazzjoni ippubblikat minn Dr. Joseph Vella Agius, Nutar Pubbliku (Ara Dok. A, klawsola 12).*

*Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici fil-konfront ta' Roseanne Fenech ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

*Salv eccezzjonijiet ohra."*

Rat illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru 2009 giet pprezentata nota b'affidavit ta' **Mary Grace Perrone** (a fol 43) fejn din qalet li hija tokkupa l-kariga ta' Relationship Officer mas-socjeta' attrici. Qalet li f'Settembru tal-2002 il-konvenuti kienu nghataw facilita' (Loan) li tammonta ghal sitt elef Lira Maltin (Lm6000), biex jirrangaw id-dar residenzjali taghhom. Giet esebita kopja tas-Sanction Letter relattiva, li giet immarkata bhala Dok GP1. Ziedet li f'April tas-sena 2007, il-branch kienu kitbu lil Debt Collection Unit sabiex jillistjaw il-file tal-konvenuti. Sussegwentement, f'Lulju tal-istess sena dan il-file kien gie trasferit lir-Recoveries Department tal-Bank of Valletta. Qalet ukoll li fis-sitta (6) ta' Lulju 2007, il-Bank kien baghat ittra ta' Call In lill-konvenuti u mbaghad f'Awissu 2007, il-Bank kien baghat ittra bonarja. Kopji ta' dawn l-ittri jinsabu esebiti u mmarkati bhala Dok. GP2a u GP2b. Sussegwentement, peress li l-konvenut ma zammewx kelmthom rigward il-pagamenti, l-Bank kellu jipprocedi gudizzjarjament, fil-fatt fis-27 ta' Dicembru 2007 intbaghtitilhom Ittra Ufficjali, kopja ta' liema ittra giet esebita u mmarkata Dok. GP3.

Kompliet tghid li fid-19 ta' Frar 2009, Roseanne Fenech kienet avvicinat l-ufficcju taghhom fejn infurmathom li hi u zewgha kienu sseparaw f'Dicembru tas-sena 2004, u fil-kuntratt ta' separazzjoni kienu ftehmu li zewgha kellu jibqa' jhallas id-dejn u ghalhekk hi ma kellhiex x'taqsam mad-dejn. Pero' l-Bank spjegalha li hu ma kellux x'jaqsam fis-separazzjoni taghhom, u ghaldaqstant id-dejn kellu jibqa' jidher f'isimhom it-tnejn u jrid jithallas minnhom it-tnejn. Ziedet li wara dik il-laqgha ma saru l-ebda

pagamenti, minn hadd minnhom u ghalhekk il-bilanc dovut sallum lill-Bank huwa ta' sitt elef mitejn u hamsa u hamsin Euro u sitta u sittin centezmu (€6255.66) flimkien mal-imghax mill-21 ta' Frar 2009 kif imsemmi fic-citazzjoni. Wara dan kollu, qalet, il-Bank hass li ma kellux alternattiva ohra hlief li jipprocedi gudizzjarjament u ghalhekk saret din il-kawza.

Rat li fis-seduta ta' nhar il-Hamis wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar, 2010 xehed **Joe Borg Cardona** (a fol.53 ) fejn qal li huwa jokkupa l-kariga ta' Manager tal-Legal Office tal-Bank of Valletta p.l.c., u qal li minn mindu kien gie pprezentat dan l-avviz, cioe' t-tmintax (18) ta' Marzu 2009, il-konvenuti ma kienu effettwaw l-ebda pagament u s-sitwazzjoni kienet baqghet l-istess. Fuq domanda tal-avukat difensur jekk ricentement kienx sar xi ftehim ma' Carmelo Fenech dwar il-kaz in kwistjoni, huwa wiegeb li mill-inkartamenti tieghu dan ma jirrizultax li sar. Fil-fatt lanqas ma jirrizultalu li kien hemm xi kuntatti bejn il-bank u Carmelo Fenech dwar kif ghandu jithallas dan id-dejn.

Rat li waqt is-seduta tal-erbgha ta' Marzu 2010 il-Bank attur ipprezenta nota (a fol. 55) fejn irriduca l-pretensjonijiet tieghu ghas-somma ta' sitt elef erba' mija u hamsa u tmenin Ewro u tnejn u erbghin centezmu €6485.42) flimkien mal-imghax legali mit-22 ta' Frar 2010 sal-jum tal-pagament effettiv, stante depositi li saru fil-mori tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuti kienu hadu *loan* minghand il-Bank attur, skond is-*sanction letter* datata disgha (9) ta' Dicembru 2002, esebita fl-atti a fol. 6 u mmarkata bhala Dok B. Illi skond din is-*sanction letter* il-Bank tahom zewg *loans*, wahda ghas-somma ta' sitt mija u disgha u erbghin Lira Maltin (LM649) u l-ohra ghas-somma ta' hamest elef, tmien mija u tnejn u tletin Lira Maltin (Lm5832). Illi skond din is-*sanction letter*, li hija

ffirmata miz-zewg konvenuti, huma kellhom ihallsu lura dawn il-*loans*, in kwantu ghal dik ta' hamest elef tmien mija u tnejn u tletin Lira (LM5832) sa mhux aktar tard minn Ottubru 2007, filwaqt li dik ta' sitt mija u disgha u erbghin Lira (LM649) kellha tithallas lura sa Jannar 2008. Jirrizulta, kif tajjeb stqarr ix-xhud tal-attur, li dawn il-*loans* inghataw sabiex il-konvenuti jirrangaw ir-residenza taghhom.

Illi fost il-kundizzjoniiet imsemmija f'din is-*sanction letter*, il-konvenuti kienu obbligaw ruhhom li ikunu puntwali fil-pagamenti taghhom, u fin-nuqqas il-Bank kellu d-dritt jikkjama l-bilanc kollu restanti.

Illi l-Bank baghat ittra uficcjali lill-konvenuti nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru 2007 fejn interpellahom sabiex ihallsu d-debitu taghhom, u minkejja li din giet notifikata lilhom, il-konvenuti m'ghamlu l-ebda pagament, u kien ghalhekk li l-Bank ipproceda bil-kawza odjerna.

Il-konvenut Carmelo Fenech nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru 2009 ipprezenta nota ta' ammissjoni (fol. 29).

Il-konvenuta Rosanne Fenech pero', fl-eccezzjoni taghha, ssostni li hija mhix il-legittimu kontradittur tal-Bank ghaliex hija kienet iffirmat kuntratt bonarju dwar is-separazzjoni taghha minn ma' zewgha, l-konvenut Carmelo Fenech, u f'dan il-kuntratt zewgha kien assuma (fil-klawsola numru 12) id-djun kollha li kellhom sa dakinhar, inkluz dan tal-Bank. Il-Qorti ghalhekk ezaminat dan il-kuntratt redatt min-Nutar Joseph Vassallo Agius (esebit fl-atti a fol. 36 et seq.), u rat illi l-Bank ma fformax parti minn dan il-kuntratt u ghalhekk ma jorbtux. Dan il-kuntratt jorbot biss lill-partijiet imsemmija fih u m'ghandu l-ebda forza fuq kwalunkwe terz iehor. Ghaldaqstant, la l-konvenuta Rosanne Fenech hija firmatarja tal-*loan* mal-Bank, hija ghandha *locus standi* f'din il-kawza u l-Bank kellu kull dritt jaghmel il-kawza kontra taghha wkoll.

Illi dwar il-mertu, l-konvenuta ma tichadx dak li ntqal mis-socjeta' attrici li id-debitu ghadu dovut, u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha fl-ammont ridott mill-istess

Bank attur nhar l-erbgha (4) ta' Marzu 2010 fl-ammont ta' sitt elef erba' mija u hamsa u tmenin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€ 6,485.42), flimkien ma l-imghax legali mit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2010 sal-effettiv pagament.

**Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Roseanne Fenech, u tikkundanna liz-zewg konvenuti *in solidum* sabiex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' sitt elef erba' mija u hamsa u tmenin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€ 6,485.42), flimkien mal-imghax legali mit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2010 sal-jum tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza, nluz dawk tal-ittra ufficjali datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru 2007, jithallsu *in solidum* bejn il-konvenuti, salv dawk tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Roseanne Fenech li jithallsu minnha stess.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------